

**MT**

**MT**

**MT**



## IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, il-3.12.2008  
COM(2008) 835 finali

### **RAKKOMANDAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

**li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negojzati f'isem il-Komunità għall-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija tas-Sajd mar-Repubblika tal-Ginea**

## **RAKKOMANDAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

**li tawtorizza lill-Kummissjoni tifthaħ in-negożjati f'isem il-Komunità għall-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija tas-Sajd mar-Repubblika tal-Ginea**

### **1. MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

Il-Komunità u r-Repubblika tal-Ginea kkonkludew ftehim tas-sajd dwar is-sajd ‘il barra mill-kosta tal-Ginea<sup>1</sup>, fit-28 ta’ Marzu 1983, li l-aħħar protokoll tiegħu<sup>2</sup> li daħal fis-seħħ fis-26 ta’ April 2004 u li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kumpens finanzjarju previsti bil-ftehim, jiskadi fil-31 ta’ Diċembru 2008.

Il-Kummissjoni tiproponi li tinnegozja Protokoll ġdid, adattat aħjar għall-opportunitajiet u għall-ħtiġijiet reali tal-flotta tal-Istati Membri, f’konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2004 dwar il-Ftehimiet ta’ Sħubija tas-Sajd. L-inizjalar ta’ protokoll ġdid qabel id-data ta’ skadenza tal-protokoll attwali, jippermetti li tiġi għarantita l-kontinwitā tal-attivitajiet tas-sajd.

Barra minn hekk, u bil-għan li jitqiesu l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2004 dwar il-ftehimiet ta’ sħubija tas-sajd, huwa xieraq li jiġi nnegożjat Ftehim ta’ Sħubija tas-sajd minflok il-ftehim attwali tas-sajd mar-Repubblika tal-Ginea.

Għalhekk, il-Kunsill huwa mistieden japrova d-direttivi tan-negożjati li jinsabu fl-Anness ta’ din ir-Rakkomandazzjoni.

### **2. RAKKOMANDAZZJONI**

Fid-dawl ta’ dan ta’ hawn fuq, il-Kummissjoni għalhekk tirrakkomanda li :

- Il-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tifthaħ in-negożjati bil-għan li jiġi konkluż Ftehim ta’ Sħubija tas-Sajd mar-Repubblika tal-Ginea,
- Il-Kummissjoni tmexxi dawn in-negożjati f’konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,
- Li l-Kunsill japrova d-direttivi tan-negożjati li jinsabu fl-Anness għal din ir-Rakkomandazzjoni.

---

<sup>1</sup> Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 971/83 tal-Kunsill tat-28 ta’ Marzu 1983 – ĠU L 111/1 tas-27 ta’ April 1983

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 830/2004 tas-26 ta’ April 2004 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jiddeffinixxi għall-perjodu taż-żmien mill-1 ta’ Jannar 2004 sal-31 ta’ Diċembru 2008, l-opportunitajiet ta’ sajd u l-kumpens finanzjarju li hemm provvediment dwaru fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Ginea dwar is-sajd ‘il barra mill-kosta tal-Ginea – ĠU L 127/31 tad-29 ta’ April 2004

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni*

*Membru tal-Kummissjoni*

## **ANNESS**

### **Direttivi ta' negozjati**

L-għan tan-negozzjati huwa li jiġi konkluż Ftehim ta' Šhubija tas-Sajd bejn il-Komunità u r-Repubblika tal-Ginea, abbażi tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2004, li kienu bbażati fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Diċembru 2002.

Bil-għan li jkun jista' jiġi għarantit permezz ta' dan il-ftehim ta' Šhubija, il-promozzjoni ta' sajd sostenibbli u responabbli, il-Kummissjoni ser tibbaża n-negozzjati tagħha fuq l-għanijiet li ġejjin:

- id-definizzjoni ta' opportunitajiet ta' sajd għall-bastimenti Komunitarji, b'konsiderazzjoni kif xieraq tal-użu reali mill-operaturi tal-opportunitajiet tas-sajd tal-protokoll attwali, tal-perspettivi futuri fil-qasam tal-attivitàajiet tas-sajd, tal-istat tar-riżorsi u tal-kapaċità tar-Repubblika tal-Ginea, biex titħaddem politika ta' ġestjoni sostenibbli tar-riżorsa.
- konsiderazzjoni tal-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli.
- it-tishħiħ tad-djalogu dwar il-politika settorjali bil-għan li jithegħegħ l-istabbiliment ta' politika tas-sajd responsabbli, f'konformità mal-għanijiet tal-iżvilupp tal-pajjiż, partikolarmen f'dak li jirrigwarda l-kontroll u s-sorveljanza tas-sajd, il-ġestjoni tar-riżorsi u t-titjib tal-kundizzjonijiet sanitarji tal-prodotti tas-sajd.